32001D0258

3.4.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 93/38

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Marzu 2001

## li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterja u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment ta' l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil ippreżentatat fi Stat Membru jew fl-Islanda jew in-Norveġja

(2001/258/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 63(1) b'konnessjoni mat-tieni sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Il-Kummissjoni kienet innegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterja u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-eżilju ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja (minn hawn 'il-quddiem referut bħala "il-Ftehim").

(2) Il-Ftehim kien ġie ffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fid-19 ta' Jannar 2001, suġġett għall-possibiltà ta' konklużjoni f'data aktar tard, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2001.

(3) Il-Ftehim għandu għalhekk ikun approvat.

(4) Huwa wkoll meħtieġ li jsiru arranġamenti għall-applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Ftehim.

(5) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt bil-poteri tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'ċerti oqsma imma li huwa għalhekk meħtieġ li jkunu speċifikati r-rappreżentanti tal-Komunità fi ħdan dan il-Kumitat.

(6) Huwa aktar meħtieġ li jkun hemm provvediment għal proċedura li tistabbilixxi kif il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tkun adottata.

(7) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, b'konformità ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll rigward il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, kienu taw avviż tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(8) Id-Danimarka, bi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness ma' l-imsemmija Trattati, mhix tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhix marbuta biha u lanqas m'hi suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDECIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterja u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment ta' l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-eżilju ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja hu b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna li jkollha l-poter li tiddepożita f'isem il-Komunità Ewropea l-Istrument approvat li hemm disposizzjoni dwaru fl-Artikolu 14 tal-Ftehim, sabiex ikunu espress il-kunsens tal-Komunità li tkun marbuta.

([1]) Il-Proposta tal-31 ta' Jannar 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) L-Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Frar 2000 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 3 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

1. Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt firrigward ta' l-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu kif meħtieġ permezz ta' l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim għandha tkun meħudha mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni tal-kumitat speċjali innominat mill-Kunsill.

2. Għad-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha tal-Kumitat Konġunt, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

Din id- Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Marzu 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M-I. KLINGVALL